MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2011

Numru 1251/2011

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca u Spettur Kevin J Farrugia)

vs

Spiridione Tanti Costa

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 102365M akkuzat talli:

- Nhar is- 7 t’Ottubru 2011, ghall-habta tal-11pm, gewwa Triq Fra Diegu katuniera ma Il-Moll tal-Hatab, u/jew f’inhawi ohra, gewwa l-Marsa. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li qieghed il-hajja ta’ Ahmed Sharif Haydar Issa f’periklu car;

1. ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ l-istess Ahmed Sharif Haydar Issa , ai termini ta’ l-Artikolu 216 (1) (a) (ii), (c), (d), (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema offizi gew maghmula b’arma regulari, inkella bi strument li jaqta’ jew iniggez;

2. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioè ‘mobile phone’ tal-marka Nokia, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax il-Euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47), ghad-dannu ta’ Ahmed Sharif Haydar Issa u/jew xi persuna/i u/jew xi entita’ u/jew entitajiet ohra;

3. filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra s-sigurta tal-gvern jew kontra l-persuna jew ta’ serq jew hsara fil-propjeta’ kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta’ dawk l-oggetti;

4. garr ’il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. volontarjament, kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

6. rrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta permezz ta’ diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta’ Malta.

Semghet lill- imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anke wara li nghatalu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat l-Artikolu 216 (1) (a) (ii) (c) (d), 2, 217, 325 (1) (c), 338 (d), 49, 50 u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 6, 54(3), 55, 57, 51 tal-Kap 480;

Semghet it-trattazzjoni fuq il-piena;

Ikkonsidrat l-ammissjoni volontarja u irrikondzjonata tal-imputat f'dan l-istajdu bikri tal-proceduri;

Tikkundanah fil-konfont tar-raba u l-hames imputazzjoni, €300 li tikkocedi li jithalsu b' rati ta € 50 fix-xahar bl-ewwel pagament jithallas sal- 31 ta' Dicembru 2011 u f'kull xahar sussegwenti u konsekuttivament, bid-dekadenza fin-nuqqas. Mill-bqija tilliberah bil- kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien tlett snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------